Fil-Qorti tal-Magistrati Malta
Bhala Qorti ta' Gudikatura
Kriminali.

II-Pulizija
(Spettur Pio Pisani)

vs

Joseph Camilleri ta' 34 sena, bin Angelo
u Victoria xebba Sultana, imwieled Pieta',
nhar 14/03/1 963, u joqghod Numru
40, Triq Sant'Angelo, Zejtun, detentur
ta' karta ta' l-identita' bin-numru 176463(M).

Illum 30 ta' Novembru, 2001.

Il -Qorti

Rat l-akkuza fejn l-hawn fuq imsemmi Joseph Camilleri gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, f'Ta' Labrin, Burmarrad nhar 1-01 ta' Marzu, 1998 ghall-habta tal-11.00 minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' James Schembri f'perikolu car, ikkaguna hsara fil-gisem (wicc) jew fis-sahha ta' James Schembri, dan kif iccertifikaw it-tobba Raymond Grixti M.D. u Daniela Laurenti M.D. (Art. 214, 216(b), tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-interrogatorju ta' tal-21 ta' Frar, 2000. Rat ukoll ir-rinviju ta' l-Avukat Generali fejn inbaghtu l-artikoli taht liema hemm mahsub li jista jinsab htija u cioe 214, 215, 216, 218, 20 u 533 tal-Kodici Kriminali.

Semghet il-provi kollha;

Semghet it-trattazzjonijiet;

Ikkonsidrat;

Xehed Dr. Raymond Grixti li qal li hu ra lill-ferut Jesmond Schembri li kellu ferita f'nofs ta' mohhu, fuq imniehru u li kellha bzonn li tinhiet. Qal li wara li ssutura l-istess ferita irrefirixxa lil Schembri l-isptar biex jigi segwit minhabba head injury.

Qal dwar il-gerha li sofra Schembri f'wiccu; "Fejn qeghda fil-wicc se tibqa tidher zgur." (a fol 16). In kontro ezami spjega li ferita fil-wicc tissejjah gravi ghax hafna drabi thalli marka. 'Kienet grevious ghax kienet fil-wicc". (a fol 17).

Dr. Daniela Laurenti xehdet. Bazikament bhala injuries gew definiti bhala gravi minhabba ovvjament ghax kellu l-ponti f'wiccu li kif iddeskriva t-tabib l-iehor ihallu marka fil-wicc." (a fol 20). Qalet ukoll li l-feriti sofferti minn Schembri kienu kompatibbli ma' dak li qalgha hu u cioe li kien qala' daqqa b'oggett tqil fuq rasu u li wara tawh daqqiet ta' ponn fuq wiccu u fuq spallejh. Qalet li hi kklassifikat il-feriti bhala gravi per durata (vide certifikat mediku minnha rilaxxat a fol 22) pero' kienet ratu biss dakinhar li kien iddahal emergenza.

Xehed ukoll il-ferut James Schembri. Qal li mar ikellem l-akkuzat li jigi kuginuh minhabba kwistjoni dwar raba li hemm bejn il-familji. Qal li l-akkuzat dahal fil-garaxx biex icempel lil missieru, qal li qabad kannestru" ...minn dawk tal-pitkalija li kien fih xi ftit basal u waddabulna u laqatni u anke ghamilli ferita gravi hawn u hareg anke jaghtini ukoll…" ( a fol 27). Zied li l-ferita damet xi tliet gimghat jew xahar biex ghaddewlu l-punti.

Teresa Schembri qalet li flimkien ma zewgha marru jkellmu lill-akkuzat li dahal fil-garaxx gab kaxxa u waddabhielhom. Qalet li l-kaxxa giet go wicc James u cioe go wicc binha.

Xehed in difeza wkoll Dr. Raymond Grixti. Tkellem li skond il-professoni tieghu meta jkun hemm qasma (fil-wicc) dejjem 99 fil-mija se thalli marka. Qal li dik tkun scar tissue. La cahad il-possibilta' li l-gerha tisa' tibqa' tidher ghal dejjem u lanqas il-kontrarju.

Xehed l-imputat minn jeddu. Qal li kien vera li meta mar iffittxu Schembri li hu dahal fil-garaxx biex icempel lil missieru u kif kien qed jghmel hekk Schembri beda joffendih quddiem il-membri tal-familja tieghu. Qal li Schembri x'hin hareg mill-garaxx qabad bicca njama u mar ghalih. Qal li bdew jaghtu lil xulxin. Cahad li hu waddab il-kaxxa lejn Schembri, qal li fil-fatt hu l-kaxxa waddabha ma l-art anzi li sabbatha ma l-art. Qal li d-demm lil Schembri harigulu hu mhux bil-kaxxa pero' bid-daqqiet ta' ponn. Qal ukoll li hu lil Schembri tah lura ghax hu kien mar jaghtih u oltre hekk kien qaliblu lil ibnu minn fuq ir-rota tant li anke dahhalu l-handle ta' l-istess go daru. Qal ukoll li hu ma kienx ura l-feriti lit-tabib tieghu.

Xehed Luke Camilleri iben l-akkuzat. Qai li meta gie ragel li hu ma kienx jaf, missieru u dan bdew jitkellmu fuq xi ilma. Xehed li hawn bdiet il-glieda u li dan ir-rage! beda jipponta subajh f'ghajnejn l-akkuzat, dahhallu subajgh f'ghajnejn u missieru l-akkuzat imbuttah u dahhlu fir-razzett. Qal hi meta hareg mill-garaxx missieru kellu kaxxa ta!-

patata u sabbatha ma' l-art. Qal ukoll li minn go din il-kaxxa harget injama u li r-rageh l-iehor qabad l-istess injama u mar ghal missieru biha. Qal li hu ma laqatx lil missieru l-akkuzat u li dan l-incident gara qabel ma missieru imbutta lit-terz. Zied li l-kaxxa missieru ma tefaghhhiex ghal dan ir-ragel.

Jacqueline Camilleri mart l-akkuzat xehdet li r-ragel taghha kellu kaxxa f'idejh li tefa ma l-art, min-naha l-ohra r-ragel l-iehor qabad injama u qabdu jaghtu. Qalet li marret tferraqhom u dan ir-ragel beda jaghtiha fuq rasha u daharha. Ziedet li anke qa!eb lit-tifel minn fuq ir-rota. Dwar il-kaxxa qal li zewgha tefaghha ma' l-art. F'dan ir-rigward gew esebiti zewg certifikati fil-konfront ta' Jacqueline u Luke Camilleri li juru li dawn sofrew griehi ta' natura hafifa

Ikkonsidrat

Illi din il-kawza si tratta ta' glieda rizultanti minn nuqqas ta' qbil bejn familji fuq wirt, haga sfortunatament ben fami!jari ghall-kostum Malti. Minhabba kwistjoni ta' ilma cioe dritt tat-tisqija, il-ferut mar ikellem lill-akkuzat u hemm inqalghet glieda bejniethom. M'hemmx qbil dwar il-fatt jekk l-akkuzat waddabx kaxxa jew le lil Schembri pero ex admissis l-akkuzat qal li lil Schembri tah bil-ponn u hariglu d-demm.

Id-difiza qed tikkontendi ili l-feriti sofferti minn Schembri mhux gravi per natura, fil-fatt sar enfazi minnha biex tistabilixxi li llum Schembri ma ghandux deturbament fil-lineamenti ta' wiccu u lanqas ma jirripunja lil persuni li jkunu qed jindirizzawh minhabba l-feriti minnu sofferti. Il-Qorti setghet fil-fatt tikkonstata li l-ferita sofferta minn Schembri mhux daqstant visibbli u dan meta hu xehed quddiemha fis-17 ta' Marzu, 2000. Jigi pero' rilevat ukoll illi l-akkuza ggib d-data ta' 01. 03.98 ghalhekk il-Qorti setghet tikkonstata il-visibilta' o meno li kellu Schembri fil-wicc sentejn wara li gara l-istess kaz. In kwantu wara sentejn kif setghet ben tara l-Qorti ma hemmx permanenza u lanqas gravita' fl-isfregju soffert minn Schembri ghaldaqstant ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 218 tal-Kap 9 ma jirrizultax.

Minn naha l-ohra jirrizulta li t-tabiba Daniela Laurenti iccertifikat il-feriti sofferti minn Schembri bhala gravi per durata Dok. D2. Minn naha l-ohra Dr.Grixti tkellem fuq ferita gravi gialadarba qeghda fil-wicc. Gie stabbilit ukoll illi l-ferita li kellu Schembri fil-wicc kellha anke tigi suturata, fatt dan zgur mhux in kontestazzjoni illi kien jirrendi l-istess ferita visibbli sakemm damet biex tfieq. Illi ghalkemm kif gie gia premess il-ferita mhux wahda li halliet scar gravi u permanenti pero kienet wahda hi anke biss minhabba l-istess sutturi li kkagunat sfregju fil-wicc ta' Schembri.

Illi kif gia premess ex admissis l-imputat ammetta li hu ta bil-ponn lil Schembri u ghalhekk hariglu d-demm. Schembri jinsisti li hu weggghu bil-kaxxa, fatt dan innegat kemm mill-akkuzat u mill-membri tal-familja tieghu. Il-fatt jibqa' pero li Camilleri wegga' bir-rizultat premess li Schembri anke jekk jigi emmnut hi hu ghamel hekk ghax Schembri qaliblu lit-tifel minn fuq il-bicycle..

Ghaldaqstant il-Qorti rat l-artikoli 214, 215, 216 u 17 tal-Kap 9 u qed issib lil Joseph Camilleri hati tar-reati hemm ikkontemplati filwaqt hi tiliberah mill-akkuza dedotta fl-artikolu 218 ta' l-imsemmi Kap. Dwar il-piena rat il-Fedina Penali ta' Joseph Camilleri li mhux wahda refrattarja, ikkonsidrat ukoll hi dan l-incident huwa dedatt minn kwistjoni ta' wirt, anzi nuqqas ta' ftehim fuq l-istess bejn membri tal-familja u hi hija sfortunatament pjaga li minnha jsofri hafna mill-poplu Malti li twassal ghal nuqqas ta' djalogu u rikorriment ta' vjolenza fisika, pero' in vista anke tal-fatt ta' tali tilwim u biha ma trid li tidher li qed tissancixxi l-istess il-Qorti thoss li piena karcerarja ma tghin xejn biex isolvi din is-sitwazzjoni u tista' biss taghti aktar nar. Ghahdaqstant wara li rat l-artikolu 29A tal-Kap 9 qeghda tikkundanna lil Joseph Camilleri ghal sena prigunerija sospizi ghal sentejn.

Magistrat Miriam Hayman LL.D.